MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 4/2007

**Kummissarju ta' l-Artijiet.**

**vs.**

**Maria Theresa Deguara Caruana Gatto, Maria Theresa maghrufa bhala Terry mart Brigadier Arthur Gera, Philip Amato Gauci u Giovanna maghrufa bhala Jean armla ta' Anthony Soler bhala eredi ta' Beatrice Amato Gauci, Helen Miles, Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri, Anna Maria Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Caren Preziosi, Alfred Gera de Petri bhala prokuratur tal-assenti Irene Bache u bhala esekutur tal-eredita' ta' Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat b'digriet tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Appell Mill-Bord ta' L-Arbitragg Dwar Artijiet) datat 24 ta' Jannar 2007 fejn wara li l-appell kien thalla ghas-sentenza ghall-24 ta' Jannar 2007, fl-istess data gie deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell li fl-atti tal-appell jirrizulta dikjaratament li kien fihom aggravji bazati fuq allegazzjoni ta' ksur ta' principji Kostituzzjonali u Konvenzjonali, tant li l-hemm imsejjha rikorrenti (Maria Teresa Deguara Caruana Gatto et u Anna Maria Spiteri Debono proprio et nomine) qed jallegaw ksur tal-**artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni** u vjolazzjoni ta' l-**l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kapitolu 319)** u dan fil-kuntest tal-proviso introdott bl-**Att XVII ta' l-2004** ghall-**artikolu 25 tal-Kapitolu 88.** Minn naha l-ohra l-Kummissarju tal-Artijiet qed jallega ksur tal-principju fundamentali ta' smigh xieraq ghal motiv li l-istima tal-periti Jaccarini u Laferla tivvjola l-principju ta' l-imparzjalita' u ta' indipendenza, u ghalhekk sospendiet l-prolazzjoni tas-sentenza u ordnat illi *ai termini* ta' l-**artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni u tal-Kapitolu 319** illi l-atti jigu riferiti lill-Prim Awla, Qorti Civili biex din taghti l-gudizzju taghha fuq dawk il-materji puri ta' indoli kostituzzjonali u kostituzzjonali (fol. 235).

Rat ir-rikorsi tal-appell tal-intimati (Maria Teresa Deguara Caruana Gatto et u Anna Maria Spiteri Debono proprio et nomine – minn hawn il-quddiem imsejjhin l-intimati datati rispettivament 6 u 17 ta' April 2006 (fol. 151 u fol. 174)

Rat ir-risposti tal-appell tal-Kummissarju tal-Artijiet rispettivament datati 17 u 27 ta' April 2006 (fol. 161 u fol. 201).

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kummissarju tal-Artijiet datat 17 ta' April 2006 (fol. 184).

Rat ir-risposta tal-appell ta' l-intimati Maria Teresa Deguara Caruana Gatto et datata 9 ta' Mejju 2006 (fol. 214).

Rat li din ir-riferenza kostituzzjonjali giet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti ghas-seduta tat-8 ta' Frar 2007.

Rat il-verbal datat 8 ta’ Frar 2007 fejn kull parti kellha tipprezenta nota dwar il-punti kostituzzjonali mqajjma minnhom li dwarhom saret ir-referenza kostituzzjonali lil din il-Qorti.

Rat il-nota tal-intimati datata 15 ta’ Frar 2008 (fol. 243) fejn indikaw il-punti kostituzzjonali mqajjma minnhom li huma l-mertu tal-istess referenza kostituzzjonali.

Rat in-nota tal-Kummissarju tal-Artijiet datata 2 ta’ Marzu 2008 (fol. 246) tal-process li biha wiegeb in-nota tal-intimati u wkoll indika l-punti ta’ natura kostituzzjonali mqajjma minnu li jiffurmaw ukoll l-mertu tal-istess riferenza kostitizzjonali u senjament fejn saret riferenza ghar-rikors tal-appell tal-istess Kummissarju tal-Artijiet (pagna 10 u 11) u tar-risposta tal-appell tieghu (pagni 4,5 u 7) u fejn qed jinghad li l-istima tal-periti teknici nominati mill-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet tivvjola l-principji ta’ imparzjalita’ u ta’ indipendenza kif sanciti taht l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.**

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti u dak tat-22 ta’ Mejju 2007 fejn l-kaz thalla ghas-sentenza ghas-27 ta’ Novembru 2008.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-intimati Maria Teresa Deguara Caruana Gatto et datata 13 ta’ Frar 2008 (fol. 286).

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Artijiet datata 12 ta’ Mejju 2008 (fol. 304).

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi il-fatti li taw lok ghal din il-pendenza huma li fil-31 ta’ Awissu 1990 kienet saret il-pubblikazzjoni ta’ l-Avviz ta’ tehid ta’ proprjeta’ mertu ta’ din il-kawza ghall-iskopijiet

pubblici u li l-akkwist isir b'xiri assolut; fit-22 ta' Mejju 1991 saret ittra ufficjali mill-Kummissarju tal-Artijiet bin-notifika lill-intimati tad-Dikjarazzjoni tal-President li din il-proprjeta' hija mehtiega ghal skopijiet pubblici u b'Avviz ghall-Ftehim il-kumpens offrut lill-intimat kien ta' Lm129,000. Dan il-kumpens ma giex accettat mill-intimati li minflok talbu kumpens ta' Lm250,000 u Lm300,000 rispettivament.

Illi fil-21 ta' Ottubru 1993 il-Kummissarju tal-Artijiet ipprezenta Cedola ta' Depositu tal-kumpens offrut lill-intimati fl-ammont ta' Lm129,000; u fil-25 ta' Jannar 1994 r-rikorrenti (Rikors2/94) beda proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet (Bord) sabiex jigi ffissat il-kumpens gust skond id-disposizzjonijiet tal-**Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).**

Illi b'sentenza tal-istess Bord datata 10 ta' Ottubru 1996 gie ffissat il-kumpens gust tal-fondi indikati fl-istess decizjoni fl-ammont ta' LM205,500. Illi r-rikorrenti (Kummissarju tal-Artijiet) pprezenta rikors ta' ritrattazzjoni fl-10 ta' Jannar 1997 fl-ismijiet premessi (1R/97) u saru risposti mill-intimati fis-27 u 30 ta' Jannar 1997 rispettivament.

Illi b'decizjoni datata 8 ta' April 2003 il-Bord laqa' t-talba tar-rikorrenti u giet revokata s-sentenza datata 10 ta' Ottubru 1996 u gie ordnat li l-kawza tinstema mill-gdid. Illi b'digriet datat 12 ta' Settembru 2005 il-Bord innomina bhala Periti Teknici lil Perit Jaccarini u Perit Renato Laferla sabiex jiehdu konjizzjoni mill-gdid tal-istess rikors u sabiex jipprezentaw ir-relazzjoni taghhom dwar l-istess.

Illi inghatat sentenza mill-Bord fis-27 ta' Marzu 2006 inghata kumpens ta' Lm380,000 li minnhom kien hemm depositati Lm129,000 u dan wara li inghad li *'il-periti stmaw il-kumpens dovut ghat-trasferiment tal-fondi fuq imsemmija fl-ammont ta' Lm1,681,895' izda minhabba emendi fil-ligi 'l-ghola ammont li ntalab hu ta' Lm380,000 u skond it-tibdil li sar fil-ligi l-Bord minkejja r-relazzjoni tal-periti ma jistax imur oltre'.*

Illi l-vantazzjoni tal-intimati ndikati f'din ir-riferenza kostituzzjonali hija li hemm vjolazzjoni ta' l-**artikolu 37 tal-Kosistituzzjoni u ta' l-artikolu 1 ta' l-ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropeja** li jipprotegu d-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta' u b'mod partikolari id-dritt ghal kumpens xieraq inkluz fl-imsemmija protezzjoni billi l-kumpens dikjarat ma jirriflettix il-kumpens xieraq u dovut izda huwa kumpens limitat bl-emenda introdotta bl-**Att XVII tas-sena 2004** ghal **proviso ta' l-artikolu 25 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici.** Dan huwa l-punt li tqajjem fl-istess riferenza kostituzzjonali datata 24 ta' Jannar 2007 u din il-Qorti hija marbuta sabiex tezamina biss it-termini tal-istess referenza kostituzzjonali.

Illi dwar dan il-punt ir-rikorrent Kummissarju tal-Artijiet isostni illi permezz tal-*proviso* fl-**artikolu 25 tal-Kap. 88** il-legislatur dahhal 'kjarifika' fil-ligi fejn l-ammont li ghandu jigi stabbilit mill-Bord fis-sens li dan m'ghandu qatt jeccedi l-oghla kumpens illi jkun intalab minn wiehed mill-partijiet. Il-legislatur introduca, skond ir-rikorrent, fil-ligi principju generali u kardinali familjari ma' kull Qorti jew Tribunal li ghandu funzjoni gudizzjarja u cioe' illi tali Qorti jew Tribunal ma jagixxux fuq inizjattiva taghhom izda jiddeterminaw litigju li jkun ngieb quddiemhom.

Illi din il-Qorti fil-kuntest tas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti fuq dan il-punt tirreferi ghad-decizjoni **"J.C.R Limited vs Kummissarju tal-Artijiet et"** (Q.K. – 2 ta' Novembru 2001) fejn inghad li l-valur tas-suq tal-proprjeta' kellu jigi stabdilit b'riferenza ghall-veru natura u kwalita' tal-proprjeta' fil-mument ta' l-akkwist u dana b'mod oggettiv u mhux bil-kriterji soggettivi ghall-venditur u/jew kompratur.

Illi dwar il-mertu ta' dan l-ilment jinghad li huwa pacifiku bejn il-partijiet li sakemm saru l-emendi indikati fis-sena 2004 il-kumpens dovut ghal tehid ta' proprjeta' b'xiri assolut kien li meta s-sid ma jaqbilx ma' l-ammont offrut, il-Kummissarju jipprezenta rikors quddiem il-Bord kompetenti (**artikolu 22 (3))** u l-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet (Bord) skond l-**artikolu 25 (e)** jiffisa l-ammont ta' kumpens u jiddikjara jekk l-area hijiex tajba ghall bini jew

le, u skond l-**artikolu 27 tal-Kap. 88** sabiex jiffissa l-kumpens il-Bord kellu josserva diversi regoli u dawn kienu jinkludu *inter alia:-*

*“(a) ebda zieda m’ghandha tinghata minhabba illi l-akkwist ikun obbligatorju;*

*(b) il-valur tal-art, minbarra kif jinghad izjed il-quddiem, ghandu jittiehed li hu l-ammont illi l-art tista’ ggib kieku tigi mibjugha minn sidha volontarjament”*

Illi limitazzjoni li kien hemm ghal dan kienet li:

*“(i) il-valur ta’ l-art huwa l-valur illi jkollha l-art fiz-zmien tan-notifika ta’ l-avviz tal-ftehim, u minghajr ma jittiehed qies ta’ benefikati jew xogholijiet maghmulin jew mibnija wara fuq l-art hawn imsemmija u meta l-art kienet fil-pussess ta’ l-awtorita’ kompetenti minnufih qabel in-notifika ta’ l-avviz ghal ftehim ebda qies ma jittiehed, fl-iffissar tal-valur tal-art, ta’ benefikati jew xogholijiet maghmulin jew mibnija mill-awtorita’ kompetenti waqt li kellha l-pussess ta’ l-art”.*

Illi permezz tal-**artikolu 4 tal-Att XVII tat-2004** gie introdott *proviso* **fl-artikolu 25 tal-Kap. 88** li jipprovdi li:-

*‘Izda l-ammont ta’ kumpens li jigi determinat mill-Bord skond il-provedimenti tal-paragrafu (e) ta’ dan is-subartikolu m’ghandux jecceddi l-ghola ammont ta’ kumpens li jkun gie propost minn xi wahda mill-partijiet”.*

Illi din il-Qorti thoss li b’din l-emenda jirrizulta li l-ammont ta’ kumpens li seta’ jigi ffissat mill-Bord bhala valur ta’ l-art ma baqax izjed dak il-valur li l-art ikollha fiz-zmien tan-notifika ta’ l-avviz, izda dan gie limitat ghall-ghola ammont ta’ kumpens li jkun gie propost mill-partijiet. Illi f’kaz allura li l-valutazzjoni ta’ l-art, iffissata mill-periti teknici, kif indikata fl-istess Att, jkun iktar mill-ammont offert jew mitlub mill-partijiet fil-process, ma huwiex iktar possibbli li jinghata tali valur, izda l-ammont ta’ kumpens moghti irid jigi mnaqqas mill-ghola valur msemmi mill-partijiet, u b’hekk dan igib tnaqqis u limitazzjoni fil-valur li l-istess

Bord seta' jillikwida favur l-intimati odjerni wara li gew in effett l-istess emendi. Dan sar kollu fil-kuntest ta' kawza bejn il-partijiet illi kienet ilha li giet istwita u fil-fatt tali emendi saru waqt il-mori tal-istess proceduri.

Illi skond l-intimati dan iwassal ghall-ksur tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** li jipprovdi li:-

**37.** (1) *Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist -*

*(a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq;*

*(b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti w imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens; u*

*(c) li tizgura lil kull parti fi proceduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta' appell mid-decizjoni taghha lill-Qorti ta' l-Appell f'Malta:*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"L-Eccellenza Tieghu Reverendissimu Monsinjur Giuseppe Mercieca proprio et vs l-Onorevoli Prim Ministru"** (P.A. (SBC) - 24 ta' Settembru 1984) inghad li l-*proviso* tal-**artikolu 37** bl-ebda mod ma jipprovdi jew jipprexindi mill-principju li ma ghandux ikun hemm kumpens gust tant li sostniet illi:-

*"il-kumpens li jithallas kif ikun il-kaz, ghandu jkun fuq kriterji stabbiliti mill-artikolu 8 tal-istess Att, li fl-opinjoni tal-Qorti m'huwiex il-kumpens gust kif garantit mill-Kostituzzjoni. Illi il-Qorti thoss li ghalkemm il-Kostituzzjoni tipprovdi li l-Parlament jista' jistabilixxi kriterji li fuqhom jithallas il-kumpens kif ghamel l-Att X tal-1983, ghandha d-dmir u d-dover li tindaga jekk dan il-kumpens huwiex*

*xieraq u jissodisfax l-ghan u l-iskop tal-imsemmi Art. 38* (illum 37) *tal-Kostituzzjoni taghna".*

Illi l-istess Qorti kompliet tghid illi *"Il-kelma 'kumpens' fil-proviso ma tista' tfisser xejn hlief il-kumpens imsemmi aktar il-fuq fl-istess artikolu u l-proviso mhux qed jirreferi ghal xi kumpens differenti minn dak imsemmi fl-ewwel paragrafu tal-artikolu 38 (1)* (illum 37(1)) *tal-Kostituzzjoni); ghax ma tistax din il-Qorti tifhem kif kostituzzjoni tista' tipprovdi ghall-kumpens li ma jkunx xieraq, cioe' reali u gust".*

Illi jirrizulta li l-**artikolu 47 (9)** isalva l-ligijiet li kienu fis-sehh qabel Marzu 1962, izda mhux dawk li jigu emendati wara dik id-data kemm il-darba l-istess emendi *inter alia* jaffetwaw id-dritt jew l-ammont ta' kumpens li kien dovut u f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-istess emenda tas-sena 2004 qed tillimita l-kumpens xieraq li altrimenti kien dovut kieku ma kienx hemm l-istess emenda, tant li l-kumpens qabel kien dak skond il-valur tal-proprjeta' fis-suq stabbilit bi stima ta' periti kif indikat fl-istess Ligi, mentri llum din hija limitata b'dan li ma tistax taccedi l-ghola wiehed mill-valur tal-proprjeta' suggerit mill-partijiet.

Illi l-**artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319)** jipprovdi li:-

*"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ta' tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali".*

*"Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' l-Istat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skond l-interessi generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".*

Illi kif inghad fil-kawza **"Agnes Gera de Petri Testaferrrata Bonici Ghaxaq vs. L-Avukat Generali u l-**

**Kummissarju tal-Artijiet"** (Q.K. – 8 ta' Jannar 2007) dan l-artikolu jipprovdi ghal dak li fissret il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) fil-kaz **"Sporrong and Lonnorth vs. Sweden"** (1982) u cjoe' li:-

*"…this provision comprises three distinct rules. The first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the same paragraph, covers deprivation of possession and makes it subject to certain conditions; and the third rule, stated in the second paragraph, recognizes that contracting states are entitled, amongst other things to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not distinct in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instances of interferences with the right of peaceful enjoyment of property and should be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule".*

Illi l-principju enuncjat allura fl-**artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** huwa li kull persuna ghandha dritt li tgawdi l-possedimenti taghha. Id-deprivazzjoni tal-pussess tal-proprjeta' tista' issir da parti tal-Istat izda huwa pacifiku illi din d-deprivazzjoni hija eccezzjoni u mhux ir-regola u interferenza ghal dan id-dritt biss taht dawk il-kundizzjonijiet elenkati fl-**artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll**, li ghandhom l-ghan li jibbilancjaw id-drittjiet individwali ma' dawk kollettivi tas-socjeta' (**Pawlu Cachia vs Avukat Generali"** (P.A. – 9 ta' April 1999)

Illi l-principju baziku li l-Qrati taghna u l-Qorti Ewropeja isegwu f'dawn il-kazijiet, huwa l-principju tal-legittimita' u tal-proporzjonalita'. Fil-fatt huwa ormai pacifiku illi *"interferenza mat-tgawdija ta' proprjeta', kemm jekk permezz ta' esproprjazzjoni jew il-kontroll ta' l-uzu, tista' generalment titqies bhala gustifikata jekk tirrispetta r-rekwiziti tal-legalita' u jekk titqies li qed issir fl-interess pubbliku jew generali. In oltre gie stabbilit rekwizit ta' proporzjonalita' u l-htiega li wiehed jilhaq bilanc gust bejn*

*il-htigijiet tal-komunita' u l-protezzjoni ta' l-interessi ta' l-individwu."* (Q.K. **"Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Art"** - 8 ta' Jannar 2007).

Illi fil-kuntest tal-procedura odjerna jirrizulta li bl-emendi introdotti l-intimati kienu ntitolati ghall-kumpens skond il-valur ta' l-art fis-suq kif indikat fl-istess **Kap. 88** inkluz l-**artikolu 27 (1) (b)** u b'hekk l-istess intimati kellhom *'a legitimate expectation'* illi l-kumpens taghhom jigi iddeterminat skond il-ligi allura vigenti u mhux permezz ta' regoli li saru bl-istess emenda hawn impunjata li llimitatilhom dan id-dritt b'mod sostanzjali anke jekk wiehed joqghod fuq l-istimi li saru mill-istess periti teknici appuntati mill-Bord, b'dan li dan effettivament iwassal li bl-applikazzjoni retroattiva tal-istess emenda ghall-kazijiet fejn l-esproprju sar qabel ma giet *in vigore* l-istess emenda, l-ammont ta' kumpens li jistghu jircievu l-istess intimati gie b'hekk severament pregudikat u limitat.

Illi fil-kaz in ezami dan iwassal mhux biss sabiex ma jkunx hemm kumpens gust u xieraq a bazi tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** izda wkoll sabiex jinkiser il-bilanc li jrid jinzamm bejn il-htigijiet tal-komunita' u l-protezzjoni ta' l-interessi ta' l-individwu u dan huwa iktar applikabbli meta tali proprjeta' tkun ittiehdet biex tinbena u tigi allokata lill-terzi, bhal fil-kaz in ezami u mhux bhala parti mill-process *"of economical, social or political reform not linked to any other specific circumstances"*, fejn allura is-sid, anke skond l-istess Konvenzjoni huwa intitolat ghall-kumpens shih skond il-valur tas-suq. Illi ghalhekk huwa relevanti l-insenjament fil-kawza fl-ismijiet **"Scardino vs Italy"** (ECHR – 29 ta' Marzu 2006) fuq dan il-punt, u wkoll u mhux lanqas ghaliex f'dak il-kaz ligi li ghaddiet waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri naqqset sew il-kumpens li kieku kien intitolat ghalih l-applikant kieku ma' gietx applikata l-istess ligi – ghalkemm dan il-punt gie wkoll deciz fuq l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni.**

Illi mhux hekk biss izda jinghad li l-kelma possedimenti u *"possessions"* ghandhom jigu interpretati b'mod ampju tant li skond l-awturi ***Harris, O"O'Boyle u Warbick"*** -

**"Law of the European Convention on Human Rights"** iffissru l-kuncett ta' *"possessions"* fil-kuntest tal-artikolu in ezami hekk:-

*"The English language text uses the word possessions to describe the protected interest but any suggestions that it should be read narrowly is refuted by the word "biens" in the French text which indicates that a wide range of proprietorial interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporeal and incorporeal interests, such as shares and patents. Contractual rights, including leases and judgement debts are possessions. The essential characteristic is the acquired economical value of the individual interest. Expectations do not have the degree of concreteness to bring them within the idea of possessions…………"* (p.517).

Illi f'dan il-kuntest ***"van Dijk u van Hoof"*** fil-ktieb **'Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"** jghidu hekk:-

*"According to constant case-law, "possessions" may be either existing possessions or valuable assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he has at least a "legitimate expectation" that they will realize".*

Illi fil-kaz ***"*Gasus Dosier und Fordertecknik GmbH v. Netherlands"** (ECHR - 23 ta' Frar 1995) il-Qorti konformament ma' dan qalet li:-

*"The Court recalls that the notion 'possession (in French: biens) in Article 1 of Protocol 1 has an autonomous meaning which is certainly not limited to ownership of physical goods: certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as 'property rights' and thus as 'possessions', for the purpose of this provision".*

Illi l-istess inghad fil-kaz **"Djidrovski v. the Former Yugoslav Republic of Macedonia"** (ECHR - 24 ta' Frar

2005), u cjoe li *"The Court reiterates that the concept of "possessions" in Article 1 of Protocol No. 1 has an autonomous meaning and that Article 1 of Protocol No. 1 in substance guarantees the right of property (see Marckx v. Belgium, judgment of 13 June 1979, Series A no. 31, pp. 27-28, § 63). A "possession" within the meaning of the above provision may be either an "existing possession" or a claim, in respect of which the applicant can argue that he has at least a "legitimate expectation" of obtaining effective enjoyment of a property right (see the Pine Valley Developments v. Ireland judgment of 29 November 1991, Series A no. 222, p. 23, § 51). The "legitimate expectation" may also encompass the conditions attaching to the acquisition or enjoyment of property rights" .*

Illi ghalhekk il-beni li jistghu jigu posseduti m'humiex biss dawk l-affarijiet li jistghu jigu posseduti *ai termini* tal-ligi nazzjonali. Il-kuncett ta' beni jista' jigi estiz ghal dawk l-affarijiet kollha li ghandhom valur ekonomiku. Il-Qorti Ewropea ghalhekk waslet ghall-konkluzjoni li, per ezempju, ishma ta' socjeta' kummerjali, il-'goodwill' ta' intrapriza, licenzja kummercjali biex tbigh xorb alkoholiku, fost ohrajn, huma kollha beni *ai fini* ta' dan l-artikolu in kwistjoni u fil-fatt dak li huwa kkunsidrat bhala pretensjoni legali jew *"legal claims"* mibnija fuq id-disposizzjonijiet tal-ligi jikkwalifikaw ukoll bhala beni u possedimenti skond l-istess artikoli.

Illi fil-kawza **"Ambruosi v. Italy"** (ECHR - 19 t'Ottubru 2000) imxiet fuq l-istess skorta ta' decizjonijiet tant li inghad li *'the applicant complains that she was deprived of her right to the payment of her fees, costs and expenses in connection with the proceedings terminated by Law Decree No. 166/96… The Court recalls that future income constitutes a "possession" within the meaning of Article 1 of Protocol No. 1 only if it has been earned or where an enforceable claim to it exists… The applicant had "earned" this sum according to the existing regulations on lawyers' fees, so that it constituted a "possession" within the meaning of Article 1 of Protocol No. 1.'*

Illi fil-kaz “**Maurice v. France”** (ECHR - 6 t’Ottubru 2005) l-applikanti ilmentaw illi *‘section 1 of Law no. 2002-303 of 4 March 2002 on patients’ rights and the quality of the health service…had infringed their right to peaceful enjoyment of their possessions and breached Article 1 of Protocol No. 1’.* Illi l-Qorti Ewropea f’dan il-kaz tghid illi:-

“*According to its case-law, an applicant can allege a violation of Article 1 of Protocol No. 1 only in so far as the impugned decisions relate to his “possessions” within the meaning of that provision. “Possessions” can be “existing possessions” or assets, including, in certain well-defined situations, claims. For a claim to be capable of being considered an “asset” falling within the scope of Article 1 of Protocol No. 1, the claimant must establish that it has a sufficient basis in national law, for example where there is settled case-law of the domestic courts confirming it. Where that has been done, the concept of “legitimate expectation” can come into play”.*

*“The Law of 4 March 2002, which came into force on 7 March 2002, deprived the applicants of the possibility of obtaining compensation for “special burdens” in accordance with the precedent set by the Quarez judgment of 14 February 1997, whereas they had already brought an action in the Paris Administrative Court on 16 March 2001 and, in a decision of 19 December 2001, the judge at that court responsible for urgent applications had granted them a substantial interim award, given that AP-HP’s liability towards them was not seriously open to challenge. The law complained of therefore entailed interference with the exercise of the right to compensation which could have been asserted under the domestic law applicable until then, and consequently of the applicants’ right to peaceful enjoyment of their possessions”.*

*‘The Court notes that in the present case, in so far as the impugned law applied to proceedings brought before 7 March 2002 which were still pending on that date, such as those brought by the applicants, the interference amounts to a deprivation of possessions within the meaning of the*

*second sentence of the first paragraph of Article 1 of Protocol No. 1. It must therefore determine whether the interference complained of was justified under that provision".*

Illi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li anke fuq l-iskorta tas-sentenza **"AIC Joseph Barbara et vs Onorevoli Prim Ministru"** (Q.K. – 17 ta' Ottubru 2007) l-intimati fil-mument ta' l-esproprju tal-proprjeta' *de quo* u wkoll bl-intavolar u waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri quddiem il-Bord kellhom aspettazzjoni legali u legittima li jinghatalhom kumpens skond ir-regoli vigenti dak in-nhar a bazi ta' dak li gie indikat bhala valur gust u skond is-suq tal-proprjeta' taghhom, u bbazati fuq kriterji oggettivi li joholqu bilanc gust bejn l-interessi ta' l-individwu u dak tal-pubbliku in generali izda dan gie mibdul biss permezz ta' l-emenda ndikata li fil-kaz in ezami jigi allura li giet applikata retroattivament ghall-kaz in kwistjoni u b'hekk inbidlu ghal kollox f'nofs process ir-regoli ta' kumpens bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-istess intimati u ghalhekk din il-Qorti thoss li ppruvat li hemm ksur tal-**artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea.** Jinghad ukoll li hemm ksur tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjonali** ghaliex bl-imposizzjoni ta' l-istess emenda ma' hemmx kumpens xieraq skond il-Kostituzzjoni.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess din il-Qorti thoss li l-emenda introdotta bl-**Att XVII tal-2004** li tat effett ghall proviso tal-**artikolu 25 tal-Kap 88** u li giet applikata retroattivament ghall-kaz in ezami timporta ksur tad-drittijiet tal-intimati skond l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea** u ghalhekk l-istess *proviso* ma ghandux jigi applikat ghall-kaz in ezami u minflok ghandhom jigu applikati l-istess regoli tal-**Kap 88** li kienu *in vigore* qabel ma saru l-istess emendi.

Illi l-intimati jallegaw ukoll vjolazzjoni ta' l-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** billi (a) il-proceduri sabiex jigi stabbilit il-kumpens dovut lill-intimati ma gewx decizi fi zmien ragonevoli u li dan it-tul ta' zmien wassal sabiex jigi limitat

id-dritt ghal kumpens xieraq fid-dawl tal-protezzjoni ghat-tgawdija tal-proprjeta' kif protett taht l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropeja** u *inoltre* (b) fid-dawl taz-zmien mehud ghall-imsemmija procedura u l-introduzzjoni ta' l-emenda in kwistjoni gew lezi l-istess artikoli ukoll billi giet mahluqa sitwazzjoni ta' nuqqas ta' parita' gudizzjarja bejn il-partijiet (*parity of arms*).

Illi dwar dan l-ilment li ressqu l-intimati dwar is-smigh xieraq l-Qorti thoss li din il-lamentela hija issa koperta b'dak li inghad in vista ta' l-ewwel ilment ta' l-intimati u allura din il-Qorti thoss li d-decizjoni hawn moghtija, flimkien mar-rimedju dwar l-istess huma bizzejjed sabiex ikopru anke dan l-ilment, b'mod li ma hemmx bzonn ta' indagar ulterjuri ta' l-istess.

Illi din il-Qorti tinnota illi fir-rikors ta' appell intavolat quddiem il-Bord mir-rikorrent Kummissarju tal-Art huwa lmenta ukoll dwar in-nuqqas ta' smigh xieraq minhabba n-nomina u l-operat tal-periti godda waqt il-procedura tar-ritrattazzjoni. Id-dritt ghall-smigh xieraq huwa enuncjat fl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (Kap. 319)** fejn huwa stabbilit illi *'in the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law.'* Ma hemmx dubbju illi l-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet huwa tribunal illi jiddetermina drittijet civili u ghaldaqstant jaqa' taht il-parametri tal-Artikoli imsemmija **("Allied Newspapers Limited vs Avukat Generali et"** – P.A. - 11 ta' Lulju 2001)

Illi l-fatti dwar in-nomina tal-periti teknici huma s-segwenti: in-nomina tal-periti teknici indikati fir-referenza kostituzzjonali kienet saret fl-4 ta' Gunju 2002; fil-fatt kien sar verbal f'dan is-sens anke jidher bi qbiel bejn il-partijiet. Fl-4 ta' Ottubru 2002 il-Kummissarju tal-Art kien ipprezenta rikors fejn huwa kkontesta l-fatt illi inhatru zewg periti godda qabel ma' inghatat is-sentenza ghar-

ritrattazzjoni u sostna li ma kienx hemm bzonn is-sostituzzjoni tal-periti u li l-Bord kellu l-ewwel jaghti decizjoni dwar ir-ritrattazzjoni. Fit-8 t'April 2003 il-Bord fil-fatt laqa' it-talbiet tar-rikorrent u rrevoka '*contrario imperio'* d-digriet hawn fuq imsemmi tal-4 ta' Gunju 2002. Fl-istess gurnata, u cioe', fit-8 t'April 2003 inghatat sentenza fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti ghar-ritrattazzjoni u il-Bord hassar u rrevoka l-imsemmija sentenza tieghu tal-10 ta' Ottubru 1996 u b'hekk ordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza. *In oltre*, fil-verbal fl-istess gurnata (8 t'April 2003) il-Chairman tal-Bord irrileva illi *'dan il-Bord kif presjedut m'ghandux kompetenza biex jibqa' jisma r-rikors li ghadu ma giex differit ghas-sentenza qed jiddiferixxi l-kawza sine die sabiex tigi assenjata lil dan il-Bord diversament presjedut'.*

Illi l-kaz gie assenjat lill-Bord allura presjedut mill-Magistrat Dr. Joseph Cassar u b'decizjoni datata 12 ta' Settembru 2005 gew mahtura l-Perit Renato Laferla u il-Perit Joseph Jaccarini biex jiehdu konjizzjoni tal-kaz u jaghmlu stima tal-fondi in ezami. Illi jidher li inghatat decizjoni finali fis-27 ta' Marzu 2006 fejn inghata kumpens ta' Lm380,000 li minnhom kien hemm depositati Lm129,000 u dan wara li nghad li *'il-periti stmaw il-kumpens dovut ghat-trasferiment tal-fondi fuq imsemmija fl-ammont ta' Lm1,681,895'* izda minhabba emendi fil-ligi *'l-ghola ammont li ntalab hu ta' Lm380,000 u skond it-tibdil li sar fil-ligi l-Bord minkejja r-relazzjoni tal-periti ma jistax imur oltre'.*

Illi r-rikorrent ikkontesta l-intempestivita' tal-hatra tal-periti godda. Din il-Qorti tirrileva illi l-hatra tal-Periti Teknici permezz ta' digriet tal-Bord fil-4 ta' Gunju 2002 gie revokat *contrario imperio* u dan permezz ta' digriet iehor fit-8 ta' April 2003. F'dan id-digriet il-Bord irriserva wkoll li jipprovdi ghal-hatra tal-membri teknici wara sentenza finali dwar it-talba ghall-ritrattazzjoni. Fl-istess gurnata l-Bord ta d-decizjoni li biha ordna li ssir ritrattazzjoni tal-kawza. Ic-Chairman tal-Bord astjena mill-jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz u differixxa l-kawza *sine die*. Il-Bord diversament presjedut ta d-decizjoni tieghu fejn hatar il-Perit Laferla u

Jaccarini biex jiehdu konjizzjoni tal-process u jirrelataw u dan skond provediment datat 12 ta’ Settembru 2005.

Illi din il-Qorti thoss li l-allegazzjoni li l-hatra tal-Periti teknici kienet intempestiva, hija materja li ghandha tigi deciza fl-istadju ta’ l-appell tal-istess rikors u dan peress li tali sottomissjoni ma hijiex ta’ indoli kostituzzjonali, ghalkemm jinghad li jirrizulta mill-istess atti u mill-istess decizjoni li tali nomina tal-imsemmija periti saret fit-12 ta’ Settembru 2005, wara li giet imhassra d-decizjoni originali tan-nomina taghhom fl-4 ta’ Gunju 2002 u dan permezz tal-imsemmi provediment tat-8 ta’ April 2003.

Illi dwar is-sottomissjoni li ma kellhomx jinbidlu l-periti teknici li kienu involuti fl-istima li waslet ghad-decizjoni tal-10 ta’ Ottubru 1996, din il-Qorti thoss li din hija wkoll sottomissjoni ma hijiex f’kuntest kostituzzjonali wahda valida peress li jirrizulta li l-ewwel periti teknici kienu fil-fatt gja esprimew ruhhom fuq il-mertu tal-kawza pendenti u kien ghalhekk li sar il-bdil tal-istess periti teknici, bdil li gie accettat mill-istess rikorrenti odjern kif jidher kemm mill-verbal datat 4 ta’ Gunju 2002 fejn l-intimati ukoll kienu irtiraw l-oggezzjoni taghhom ghar-ritrattazzjoni u jidher li l-partijiet qablu li jirrimettu ruhhom ghall-provi li kien hemm fl-istess rikors u wara anke ghan-nomina tal-imsemmija periti, liema nomina giet revokata b’digriet tat-8 ta’ April 2003, ghaliex gie ritenut li qabel tali nomina l-ewwel kellha tinghata s-sentenza li thassar id-decizjoni precedenti tal-Bord u li ordnat ir-ritrattazzjoni, decizjoni li nghatat fit-8 ta’ April 2003. Kien ghalhekk b’decizjoni datata 12 ta’ Settembru 2005 li gew nominati ghal darba ohra l-istess imsemmiija periti teknici sabiex jiehdu konjizzjoni mill-gdid tal-istess rikors.

Illi mid-data ta’ tali nomina fit-12 ta’ Settembru 2005 sa meta inghatat id-decizjoni mill-Bord fis-27 ta’ Marzu 2006, l-istess rikorrenti odjern ma ressaq l-ebda ilment iehor dwar l-istess periti teknici, u allura din il-Qorti thoss li mill-punto di vista kostituzzjonali ma’ hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Ovvjament kull ilment iehor li jirrigwarda jekk id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 88** gewx osservati huma punti li ghandhom jigu trattati fl-

istess appell li llum jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell u fil-fatt dawn l-ilmenti huma wkoll il-bazi ta' l-appell tieghu quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u din il-Qorti qed titratta biss dan il-punt peress saret l-istess riferenza kostituzzjonali, ghaliex altrimenti hemm l-applikazzjoni tal-principju li l-ewwel ir-rikorrenti ghandu jezawrixxi r-rimedji tieghu ordinarji ghalih disponibbli.

Illi dwar l-ilment tar-rikorrenti li dwar l-istima kien hemm ksur fundamentali tas-smigh xieraq ghaliex il-Periti Teknici kellhom jisimghu dak li kellhom xi jghidu l-partijiet din il-Qorti thoss li ghandu jigi rilevat li qabel in-nomina tal-istess periti teknici jidher li l-provi tal-partijiet kienu gja maghluqa tant li l-intimati kienu gja vverbalizzaw fl-4 ta' Gunju 2002 li huma irrimettew ruhhom ghall-provi kollha li diga kienu prodotti fir-rikors relattiv, u ma jidhirx mill-verbali tas-seduti sussegwenti, anke wara n-nomina mill-gdid tal-imsemmija periti, li r-rikorrenti talbu f'xi stadju li jressqu xi provi godda quddiem l-istess periti, u wisq inqas quddiem il-Bord.

Illi jinghad ukoll li sar access mill-istess periti wara l-ewwel nomina taghhom fl-4 ta' Gunju 2002, u wara dan giet revokata n-nomina taghhom. Huma gew nominati u appuntati mill-gdid b'digriet datat 12 ta' Ottubru 2005, u jidher li estendew ir-rapport taghhom u ghamlu stima tal-fondi mertu tal-kawza odjerna minghajr ma ghamlu l-ebda access iehor, u dan sar hekk peress li huma sostnew li tali access ma kienx hemm bzonnu ghaliex il-proprjeta' li kienet ittiehdet ghal skop pubbliku ma kenitx ghada tezisti. Dan huwa ilment iehor fl-istess appell tar-rikorrenti pprezentat quddiem il-Qorti tal-Appell u din il-Qorti thoss li dan ma jwassalx ghall-ebda ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq. Ovvjament ghal dak li jista' jkun l-ilment mill-*punto di vista* jekk id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 88** gewx osservati din hija materja li trid u ghandha tigi deciza fl-istess appell; izda mill-optika kostituzzjonali ma' jirrizultax li jista' jinghad li hemm xi ksur tal-principju ta' smigh xieraq.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li skond l-**artikolu 23 (2) tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta** "*Il-Bord ikun maghmul minn*

*chairman li jinhatar mill-President ta' Malta. Ic-chairman ikun persuna li jkollha jew kellha l-kariga ta' mhallef jew persuna li jkollha l-kariga ta' magistrat".*

Illi apparti minn hekk skond **artikolu 23 (4)** "*Il-President ta' Malta ghandu jahtar ukoll lista ta' Arkitetti u Inginieri Civili minn fost persuni li jkollhom il-warrant biex jahdmu ta' Arkitett u Inginier Civili".*

Illi skond l-**artikolu 25 (3)** (**4) u (5)** jinghad illi:-

"*(3) Kull meta jkun hemm kwistjoni quddiem il-Bord li tkun tehtieg l-istima ta' xi art jew kull fehma teknika ohra dwar kaz li jkun qed jittratta l-Bord, ic-chairman ghandu jassenja tnejn mill-membri li jinsabu fuq il-lista sabiex jezaminaw l-art relattiva, jew sabiex jaraw dik il-parti tal-process li jkollha x'taqsam mal-kwistjoni li dwarha tinhtieg il-fehma teknika; u dawk iz-zewg membri ghandhom jipprezentaw ir-rapport taghhom lic-chairman waqt is-seduta jew jipprezentaw dak ir-rapport fir-Registru tal-Bord hekk kif ic-chairman jista' jordna".*

*"(4) Ic-chairman jista' wkoll jehtieg il-membri li jinsabu fuq il-lista li jigu assenjati ghal xi kaz li jattendu ghas-seduta tal-Bord meta dak il-kaz ikun qieghed jinstema' mill-Bord jekk l-imsemmija membri jehtiegu taghrif iktar mill-partijiet jew jehtiegu jinstemghu xi xhieda partikolari".*

*(5) Ic-chairman ikun biss obbligat li joqghod fuq ir-rapporti tal-membri li jinsabu fuq il-lista kull meta r-rapporti taz-zewg membri li jinsabu fuq il-lista f 'xi kaz partikolari jkunu unanimi; meta dawk iz-zewg membri ma jkunux unanimi, ic-chairman ghandu fuq il-bazi tar-rapporti maghmulin miz-zewg membri, jiddeciedi l-kwistjoni hu nnifsu".*

Illi minn dan huwa car li l-Periti Teknici huma biss periti nominati mill-lista illi c-*Chairman* jista' joqghod fuqhom jew le skond il-parametri li taghtih il-ligi. Id-decizjoni ahharija tal-Bord hija f'idejn ic-Chairman tal-Bord. Din l-Qorti hija tal-fehma illi l-Periti Teknici m'humiex parti mill-Bord, li jiehu biss parir minghandhom u f'dan il-kuntest jinghad li llum il-Bord huwa maghmul minn Chairman u b'hekk

ghall-istess japplikaw l-insenjamenti kontenuti fis-sentenza **"L-Avukat Dottor Rene' Frendo Randon et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et"** (P.A. (GC) – 20 ta' Ottubru 2008) li ghaliha qed issir riferenza.

Illi f'dan il-kuntest ukoll din il-Qorti tirrileva li l-istess rikorrenti qed isostnu li kellhom jibqghu l-periti originali li kellhom jaghmlu stima ta' l-istess, izda jekk il-periti teknici qed jigu kkunsidrati mill-istess rikorrenti parti mill-Bord (li ma humiex) jista' jinghad li jekk wiehed jirreferi ghall-kaz **"San Leonardo Band Club v Malta"** (ECHR – 29 ta' Lulju 2004) jinghad li hemm zewg testijiet sabiex tara jekk tribunal huwa imparzjali; *'the first consists in seeking to determine the personal conviction of a particular judge in a given case; the second in ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect (see, among other authorities, Gautrin and Others v. France, judgment of 20 May 1998, Reports 1998-III, pp. 1030-31, § 58, and Thomann, cited above, p. 815, § 30)".* Dwar it-test soggettiv ma hemm l-ebda lment da parti tar-rikorrent. Il-kawza citata kienet tikkoncerna l-fatt illi l-istess tliet Imhallfin kellu jiddeciedu dwar ritrattazzjoni ta' kawza l-istess Imhallfin kienu ddecidew fil-mertu.

Illi dwar it-test oggettiv l-istess decizjoni sostniet li:-

*"The Court accepts that that situation could raise doubts in the applicant company's mind about the impartiality of the Court of Appeal. However, it has to decide whether those doubts were objectively justified. The answer to this question depends on the circumstances of the case.*

*1. In this connection, the Court observes that, as regards the request for a retrial, the Court of Appeal was essentially called upon to ascertain whether its previous judgment of 30 December 1993 was based on a misinterpretation of the law. Thus, the same judges were called upon to decide whether or not they themselves had committed an error of legal interpretation or application in their previous decision, being in fact requested to judge themselves and their ability to apply the law.*

*2. These circumstances are sufficient to hold the applicant company's fears as to the lack of impartiality of the Court of Appeal to be objectively justified.'*

Illi din il-Qorti thoss li apparti li dawn il-principji ma' japplikawx ghall-kaz in ezami ghaliex l-istess periti teknici ma humiex parti mill-Bord, pero' kieku jigi accettat ghall-grazzja tal-argument li kienu, jirrizulta li kienu l-ewwel periti teknici li bla dubju ta' xejn kienu taw opinjoni dwar il-valur tal-istess proprjetajiet *de quo* anke jekk flimkien ma' proprjeta' ohra, u certament mhux il-periti li dwarhom hemm l-oggezzjoni tar-rikorrenti u ghalhekk certament li f'dan il-kaz odjern ma hemmx ksur tal-ezami oggettiv ta' l-imparzjalita' hekk kif enuncjat fl-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni u artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.**

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti tinnota wkoll li l-istess lamenteli tar-rikorrenti huma wkoll il-bazi ta' l-appell taghhom quddiem il-Qorti tal-Appell u din il-Qorti thoss li ineffetti dawn ma humiex hlief ilmenti li jistghu jirrigwardaw *se mai* jekk id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 88** gewx applikati sew jew le u allura minn dan il-lat din il-Qorti thoss li r-rikorrenti ghandhom rimedji ordinarji ghaliex jistghu jirrikorru u fil-fatt qed jirrikorru, b'dan li certament jidher li fil-kuntest tal-ilmenti mqajjma l-istess rikorrenti ghad irid jezawrixxi r-rimedji ordinarji tieghu dwar jekk il-ligi ordinarja gietx rispettata jew le, decizjoni li ma tispettax lil din il-Qorti, u din il-Qorti ezaminat jekk tali lmenti jiksrux id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea citati ghaliex dawn il-punti gew lilha indikati fl-istess riferenza kostituzzjonali u allura din il-Qorti kellha taghmel dan l-ezami fil-kuntest uniku tal-istess riferenza kostituzzjonali, u tikkonferma li minn dan l-aspett ma sabitx li l-ilmenti tar-rikorrenti huma gustifikati.

Illi dan il-Qorti qed tghidu anke fil-kuntest ta' dak li inghad dwar il-principji ta' smigh xieraq fid-decizjoni fl-ismijiet **"Khallouf Fatiha vs Kummissarju tal-Pulizija"** (P.A. (VDG) - 28 ta' Dicembru 2001) fejn gie spjegat b'mod mill-iktar car il-principju li *"ghal dak li jirrigwarda r-rekwizit ta' smigh xieraq, hi ormai gurisprudenza pacifika li biex jigi*

*determinat jekk f'kaz partikolari kienx hemm jew le dan ir-rekwizit, wiehed ghandu, bhala regola, jezamina l-proceduri fir-rigward tal-kaz partikolari fit-totalita' taghhom. Bil-kontra tal-garanziji l-ohra aktar specificikontenuti fl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni, id-dritt ghal smigh xieraq ghandu kwalita` residwali u miftuha. Jipprovdi opportunita` kemm li jinghaddu drittijiet specifici mhux elenkati fl-artikolu 6 li huma kkonsidrati essenzjali ghal smigh xieraq sabiex jigi deciz jekk kienx hemm smigh xieraq fuq il-bazi tal-fatti ta` kaz partikolari mehud fit-totalita` kollha tieghu. Fi kliem iehor, ghalkemm wiehed irid ihares lejn il-proceduri fit-totalita` taghhom, certi mankanzi, jew anke aspett partikolari wiehed, jistghu jkunu tant determinanti ghall-ezitu ta' kawza fil-kaz konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wiehed partikolari ikunu/ikun bizzejjed biex qorti tasal ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm "smigh xieraq".*

Illi fil-kawza in disamina, jekk wiehed jezamina l-proceduri fir-rigward tal-kaz partikolari fit-totalita` taghhom, din il-Qorti ma thossx illi l-mod kif il-periti taw il-parir taghhom iledu r-rekwisti tas-smigh xieraq.

*In oltre*, l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi r-rapport tal-periti ma giex iffirmat mhux rilevanti ghal dawn il-proceduri ghaliex kif rilevat f'pagna 4 tas-sentenza tal-27 ta' Marzu 2006 *'il-Bord iddiskuta mal-periti r-rapport taghhom. Billi l-proprjeta' de quo m'ghadhiex tezisti imma kien bini u li kien ghalxejn li jsir access. Huma affermaw ir-rapport taghhom u hallew f'idejn il-Bord jiddeciedi l-kumpens skond tibdil li sar fil-ligi".* Dan apparti li ma jirrizultax li hemm xi obbligu fil-ligi illi dan jigi iffirmat u dan ma jimpurtax ebda ksur tad-dritt fundamentali lamentat, u se mai dan ukoll huwa punt li ghandu jigi mistharreg fit-termini ta' l-appell pendenti fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-**Kap. 88.** Ghalhekk l-ilmenti tar-rikorrenti qed jigu michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba ta' l-intimati** kontenuta fir-

riferenza kostituzzjonali tal-24 ta' Jannar 2007 u tiddikjara illi bl-applikazzjoni tal-emenda introdotta bl-**Att XVII tas-sena 2004** ghal *proviso* tal-**artikolu 25 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici** ghall-kaz in ezami fid-decizjoni tal-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet tas-27 ta' Marzu 2006 fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Kummissarju tal-Artijiet vs Maria Teresa Deguara Caruana Gatto"** (Rikors 1/2007) gew lesi d-drittijiet fundamentali tal-intimati u senjatament l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** li jipprotegu d-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta' u ghalhekk l-istess decizjoni hija f'dan il-kuntest nulla u bla effett b'dan li l-kumpens illi ghandu jigi stabbilit a favur l-intimati minhabba l-esproprazzjoni tal-proprjeta' taghhom ghandu jsir skont **Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta** kif kien qabel ma' dahlet *in vigore* l-emenda introdotta bl-**Att XVII tas-sena 2004** u konsegwentement tordna lir-Registratur jghaddi lura l-atti lill-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex l-istess taderixxi ruhha ma' din id-decizjoni.

Illi fl-istess waqt din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi fil-konfront tal-lamentela tar-rikorrenti l-Kummissarju tal-Artijiet fl-istess riferenza kostituzzjonali tal-24 ta' Jannar 2007 fejn kien qed jallega li hemm ksur tal-principju fundamentali tas-smigh xieraq ghal motiv li l-istima tal-Periti Jaccarini u Laferla jivvjolaw il-principju ta' imparzjalita` u ta' indipendenza**, tichad it-talba** peress li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement tordna lir-Registratur jghaddi lura l-atti lill-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex l-istess taderixxi ruhha ma' din id-decizjoni.

Bl-ispejjez ta' din ir-referenza Kostituzzjonali a karigu tal-Kummissarju ta' l-Artijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------